

Dispożittiv

1) Ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda [tħassar] d-Direttiva 2003/54/KE, u d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE, billi naqas milli jittrasponi korrettament:

— l-Artikolu 9(1)(a) ta' kull waħda mid-Direttivi 2009/72 u 2009/73;

— l-Artikolu 37(4)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/72 u l-Artikolu 41(4)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/73 kif ukoll;

— l-Artikolu 37(6)(a) sa (ċ) u (9) tad-Direttiva 2009/72 kif ukoll l-Artikolu 41(6)(a) sa (ċ) u (9) tad-Direttiva 2009/73.

2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 10, 13.01.2020.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Novembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Okresný súd Košice I – is-Slovakkja) – NI, OJ, PK vs Sociálna poisťovňa

(Kawża C-799/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2008/94/KE – Artikoli 2 u 3 – Protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega – Kunċetti ta' "krediti mhux imħallsa tal-ħaddiema impjegati" u ta' "insolvenza ta' persuna li timpjega" – Incident fuq il-post tax-xogħol – Mewt tal-impjegat – Kumpens għad-dannu morali – Irkupru tal-kreditu mingħand il-persuna li timpjega – Impossibbiltà – Istituzzjoni ta' garanzija)

(2021/C 35/22)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Okresný súd Košice I

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: NI, OJ, PK

Konvenuta: Sociálna poisťovňa

Dispożittiv

1) L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li timpjega ma tistax titqies li tinsab fi "stat ta' insolvenza" meta hija kienet is-suġġett ta' talba għall-ftuħ ta' proċedura ta' eżekuzzjoni abbażi ta' dritt għal kumpens, irrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja, iżda fejn il-kreditu ġie ddikjarat irrekuperabbli fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni minħabba l-insolvenza *de facto* ta' din il-persuna li timpjega. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, skont l-Artikolu 2(4) ta' din id-direttiva, l-Istat Membru kkonċernat iddeċidix li jestendi l-protezzjoni tal-ħaddiema impjegati prevista mill-imsemmija direttiva għal tali sitwazzjoni ta' insolvenza, stabbilita permezz ta' proċeduri differenti minn dawk imsemmija fl-imsemmi Artikolu 2(1), li huma previsti mid-dritt nazzjonali.

- 2) L-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94 għandhom jiġu interpretati fis-sens li kumpens dovut minn persuna li timpjega lill-qraba superstiti għad-dannu morali subit minħabba l-mewt ta' impjegat wara inċident fuq il-post tax-xogħol jista' jitqies li jikkostitwixxi "kreditu ta' ħaddiema impjegati li jirriżulta mill-kuntratti ta' impjegat jew minn relazzjonijiet ta' impjegat", fis-sens tal-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva biss meta jaqa' taħt il-kunċett ta' "remunerazzjoni", kif dan huwa speċifikat mid-dritt nazzjonali, u dan għandu jiġi stabbilit mill-qorti nazzjonali.

(¹) ĠU C 19, 20.1.2020

Appell ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2018 minn Oliver Spieker mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fit-8 ta' Mejju 2018 fil-Kawża T-92/18 – Oliver Spieker vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-455/18 P)

(2021/C 35/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Oliver Spieker (rappreżentanti: A. Schönfleisch, O. Spieker, M. Alber, N. Willich, Rechtsanwälte)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

- tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-8 ta' Mejju 2018 fil-Kawża T-92/18, Spieker vs EUIPO (Science for a better skin), li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-12 ta' Diċembru 2017 (R 1067/2017-4), li ċaħdet l-appell li permezz tiegħu l-appellant kien talab l-annullament tad-deċiżjoni tad-dipartiment tal-konvenut tal-20 ta' Marzu 2017;
- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Diċembru 2017 (R 1067/2017-4);
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż sostnuti mill-appellant quddiem ir-Raba' Bord tal-Appell u l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

B'digriet tat-8 ta' Diċembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (It-Tmien Awla) ċaħdet l-appell u kkundannat lill-parti li tilfet il-kawża għall-ispejjeż.

Appell ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2020 minn João Miguel Barata mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-2 ta' April 2020 fil-Kawża T-81/18, Barata vs Il-Parlament

(Kawża C-259/20 P)

(2021/C 35/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: João Miguel Barata (rappreżentanti: G. Pandey, avocat, D. Rovetta, avocat, V. Villante, avvocato)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew

Permezz ta' digriet tat-3 ta' Diċembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li l-appell għandu jiġi miċħud peress li parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat u ddeċidiet li l-appellant għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.